MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 24/2003/1

**Alfred Delia**

**vs**

**Louis Apap Bologna**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti tar-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi kontestwalment mal-presenti ippresenta rikors fejn talab ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Louis Apap Bologna vs Alfred Delia (RRB Rik. 184/96/JC) deciza minn din l-Onorabbli Qorti fis-7 ta' Lulju 2003 u dana a bazi tal-Artikoli 811 sub-inciz (h) u (l) tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Premess illi fis-sentenza tal-kawza fuq imsemmija li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni din l-Onorabbli Qorti kienet ordnat l-izgumbrament tar-rikorrent u

konsegwentement il-familja tieghu, fosthom bintu inkapacitata, mill-fond “Castor House”, Quarries Street, Msida, li hija d-dar tar-residenza tal-esponent u l-familja tieghu.

Premess illi l-intimat huwa sid il-kera tal-esponent.

Premess illi r-rikorrent kien inghata tlett xhur ghall-izgumbrament tieghu u cioe` sas-7 ta’ Ottubru 2003 u billi gie premess ukoll illi r-rikorrent jixtieq li tigi sospiza l-esekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija, pendenti l-esitu tar-rikors ghar-ritrattazzjoni tal-kawza.

Premess illi huwa car li r-rikorrent jirreka iktar pregudizzju bl-esekuzzjoni tas-sentenza, milli jista’ jirreka l-intimat jekk tigi sospiza l-esekuzzjoni tas-sentenza pendenti l-esitu tar-ritrattazzjoni.

Premess illi r-rikorrent kontestwalment offra l-garanzija mitluba minnu mill-Artikolu 823 (2)(a).

Talab li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-ezekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet inversi.

Rat ir-risposta tal-intimat illi huwa jopponi ruhhu ghal sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi u dana billi apparti l-fatt li ma inghatat l-ebda garanzija sufficjenti u tajba ghad-danni li huwa sejjer isofri bhala konsegwenza tan-nuqqas ta’ esekuzzjoni ta’ l-istess sentenza u l-garanzija offerta mir-rikorrent mhix sufficjenti, jirrileva li fil-kaz prezenti hemm arretrati konsiderevoli ta’ kera dovuta u ghalhekk ma jkunx ghaqli li jkun hemm is-sospensjoni mitluba.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti moghtija llum li biha cahdet it-talba tar-rikorrenti biex tigi mhassra s-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet inversi tas-7 ta’ Lulju 2003 ghar-ragunijiet minnu dedotti u li jigi lilu akkordat smiegh mill-gdid.

Ikkonsidrat:-

Billi wara din l-ahhar sentenza tirrizulta nieqsa l-kawzali ghat-talba f’din il-kawza li tittanta twaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata mir-rikorrenti pendenti l-procedura ghal ritrattazzjoni;

Billi, kif gja rilevat, din l-istess procedura kellha ezitu sfavorevoli ghar-rikorrenti ritrattand u ma jista’ jkun xejn allura x’jimpedixxi l-ezekuzzjoni tas-sentenza ta’ din il-Qorti tas-7 ta’ Lulju 2003;

Tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez jithallsu minnu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------